A.L. 329 ta' l-2002

ATT TA' L-2001 DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (ATT NRU. XX TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Limitazzjoni ta' Ħruġ fl-Arja ta' xi Sustanzi li Jniġġsu minn Impjanti Kbar tal-Kombustjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru ta' l-Intern u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, bidu fis-seħħ u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Limitazzjoni ta' Ħruġ fl-Arja ta' xi Sustanzi li Jniġġsu minn Impjanti Kbar tal-Kombustjoni.

(2) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal skopijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Avviż taħt is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament jista' jagħmel tali disposizzjonijiet transitorji hekk kif jidhru lill-Ministru responsabbli għall-ambjent li jkun hemm bżonn jew li jkunu spedjenti għar-rigward tad-disposizzjonijiet hekk miġjuba fis-seħħ.

Tifsir.

2. Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti -

'emissjoni' tfisser il-ħruġ ta' sustanzi minn impjant tal-kombustjoni fl-arja;

'gassijiet ħżiena' tfisser ħruġ gassuż li jkun fih emissjonijiet solidi, likwidi jew gassużi; ir-rati ta' influss volumetriku tagħhom għandhom ikunu espressi f'metri kubi fis-siegħa f'temperatura standard (273K) u pressjoni standard(101,3kPa) wara li ssir korrezzjoni minħabba fil-kontenut tal-fwar, hawn iżjed 'il quddiem imsemmi (Nm^3/h);

'valur ta' limitu ta' emissjoni' tfisser il-kwantità permissibbli ta' sustanza kontenuta fil-gassijiet ħżiena mill-impjant ta' kombustjoni li tista' tkun mitluqa fl-arja matul perjodu stabbilit; din għandha tkun ikkalkulata f'termini ta' massa għal kull volum ta' gassijiet ħżiena espressa f'mg/Nm3, jekk tassumi kontenut ta' ossiġenu bil-volum fil-gass ħażin ta' 3% fil-każ ta' karburanti likwidi u gassużi, 6% fil-każ ta' karburanti solidi, u 15 % fil-każ ta' turbini tal-gass;

'rata ta' desulfurizzazzjoni' tfisser il-proporzjon bejn il-kwantità ta' kubrit li toħroġ fl-arja fis-sit ta' l-impjant tal-kombustjoni f'perjodu stabbilit, u l-kwantità ta' kubrit kontenut fil-karburanti li jiġi introdott fil-faċilitajliet ta' l-impjant tal-kombustjoni u li jintuża fl-istess perijodu;

'operatur' tfisser kull persuna naturali jew legali li thaddem l-impjant tal-kombustjoni, jew li tkun ġiet delegata poter ekonomiku deċiżiv għaldaqstant;

'karburanti' tfisser kull materjal kombustibbli solidu, likwidu jew gassuż użat biex iħeġġeġ l-impjant tal-kombustjoni bl-eċċezzjoni ta' skart kopert bir-Regolamenti ta' l-2001 dwar l-Inċinerazzjoni fil-Maniġġjar ta' Skart;

'impjant tal-kombustjoni' tfisser kull tagħmir tekniku li fih jiġu ossidizzati l-karburanti bil-għan li tintuża s-sħana ġġenerata b'dan il-mod;

'tagħmir li jitħeġġeġ b'karburanti diversi' tfisser kull impjant ta' kombustjoni li jista' jitħeġġeġ simultanjament jew alternattivament b'żewġ tipi ta' karburanti jew aktar;

'impjant ġdid' tfisser kull impjant ta' kombustjoni li dwaru l-liċenza tal-kostruzzjoni oriġinali jew, fin-nuqqas ta' tali proċedura, il-liċenza ta' operazzjoni oriġinali kienet ingħatat fi jew wara l-1 ta' Lulju 1987;

'impjant eżistenti' tfisser kull impjant ta' kombustjoni li dwaru l-liċenza tal-kostruzzjoni oriġinali jew, fin-nuqqas ta' tali proċedura, il-liċenza ta' operazzjoni oriġinali kienet ingħatat qabel l-1 ta' Lulju 1987.

'biomassa' tfisser prodotti li jikkonsistu f'materja veġetali sħiħa jew f'parti minnha ġejja mill-agrikoltura jew mill-foresti li tista' tintuża bħala karburanti għall-iskop ta' l-irkupru tal-kontenut ta' l-enerġija tagħha, u dan l-iskart li ġej li jintuża bħala karburanti:

(a) skart veġetali mill-agrikoltura u mill-foresti;

(b) skart veġetali mill-industrija ta' l-ipproċessar ta' l-ikel, jekk is-sħana ġġenerata tkun irkuprata;

(ċ) skart veġetali fibruż ġej mill-produzzjoni ta' polpa verġni u mill-produzzjoni tal-karta mill-polpa, jekk ikun hekk ko-inċinerat fil-post ta' produzzjoni u s-sħana ġġenerata tiġi rkuprata.

(d) skart tas-sufra;

(e) skart ta' l-injam bl-eċċezzjoni ta' skart ta' l-injam, li jista' jkun fih komposti organiċi aloġenati jew metalli tqal bħala riżultat tat-trattament mal-preservattivi jew il-kisi ta' l-injam, u li jinkludi partikolarment dak l-iskart ta' l-injam li jkun joriġina minn skart tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni;

'turbina tal-gass' tfisser kull magna li ddur u tikkonverti l-enerġija termika f'xogħol mekkaniku, u li tikkonsisti prinċipalment f'kompressur, apparat termiku li fih il-karburanti jiġi ossidizzat biex isaħħan il-fluwidu li jaħdem, u turbina;

'Ministru' tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

'Awtorità Kompetenti' tfisser tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif preskritta bl-avviż intitolat Nomina ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bħala l-awtorità Kompetenti, u tali korp ieħor jew persuna li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'ordni fil-Gazzetta jippreskrivi u korpijiet jew persuni differenti jistgħu jkunu ddisinjati bħala awtorità Kompetenti għal disposizzjonijiet differenti u skopijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti. A.L. 107 ta' l-2002.

3. Ir-regolament ikun japplika biss għal impjanti ta' kombustjoni ddisinjati għall-produzzjoni ta' l-enerġija bl-eċċezzjoni ta' dawk li jagħmlu użu dirett mill-prodotti ta' kombustjoni fil-proċessi tal-manifattura. Tip ta' impjanti ta' kombustjoni.

Partikolarment, dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għall-impjanti li ġejjin:

(1) (a) impjanti li fihom il-prodotti ta' kombustjoni jintużaw għal tisħin dirett, inxif, jew kull trattament ieħor ta' oġġetti jew materjal, bħal ma huma fran għat-tisħin mill-ġdid, fran għat-trattament tat-tisħin,

(b) impjanti tal-post-kombustjoni, jiġifieri apparat tekniku ddisinjat biex jippurifika l-gassijiet ħżiena b'kombustjoni li ma tkunx imħaddma bħala impjant ta' kombustjoni indipendenti,

(ċ) faċilitajiet għar-riġenerazzjoni ta' katalisti li jaqsmu l-katalitiku,

(d) faċilitajiet għall-konverżjoni ta' *hydrogen sulphide* f'kubrit,

(e) reatturi li jintużaw fl-industrija kimika,

(f) fran tal-batteriji ta' faħam tal-kokk,

(ġ) *cowpers*,

(ħ) apparat tekniku użat fil-propulsjoni ta' vettura, vapur, jew ajruplan;

(i) turbini tal-gass użati fuq pjattaformi fil-baħar miftuħ;

(j) turbini tal-gass li jkollhom liċenza maħruġa qabel is-27 ta' Novembru 2002 jew li kif ikun jidhrilha l-Awtorità Kompetenti ikunu s-suġġett ta' talba kompluta għal liċenza qabel is-27 ta' Novembru 2002 sakemm l-impjant jibda jaħdem mhux iktar tard mis-27 ta' Novembru 2003 mingħajr preġudizzju għar-regolament 8(1) u l-Anness VIII (A) u (B);

(2) Fejn żewġ impjanti ġodda separati jew iktar huma installati b'tali mod li, waqt li jittieħdu in konsiderazzjoni l-fatturi tekniki u ekonomiċi, il-gassijiet ħżiena tagħhom jistgħu, fil-ġudizzju ta' l-awtoritajiet kompetenti, jinħarġu minn ċumnija komuni, il-kombinazzjoni ffurmata minn dawk l-impjanti għandha tkun meqjusa bħala apparat uniku.

Programmi.

4. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tagħmel il-programmi adatti għar-riduzzjoni progressiva ta' l-emissjonijiet annwali totali minn impjanti eżistenti, u fejn jiġu stabbiliti skadenzi u proċeduri ta' implimentazzjoni.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha, skond il-programmi msemmija fis-subregolament (1), tkompli tikkonforma ruħha mal-livelli ta' emissjoni u mar-riduzzjonijiet perċentwali korrispondenti stipulati għad-diossidu tal-kubrit fl-Anness I, kolonni minn 1 sa 6, u għall-ossidi tan-nitroġenu fl-Anness II, kolonni 1 sa 4, sad-dati speċifikati f'dawk l-Annessi, sa l-implimentazzjoni tar-regolament 4 li japplika għal impjanti eżistenti:

Iżda meta l-programmi jkunu qegħdin jitwettqu, l-Awtorità Kompetenti għandha wkoll tiddetermina l-emissjonijiet annwali totali skond l-Anness VIII (C).

Liċenzi.

5. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha, tieħu l-miżuri adatti biex tiżgura li l-liċenzi kollha għall-kostruzzjoni jew, fin-nuqqas ta' tali proċedura, għall-operazzjoni ta' impjanti ġodda li skond ma jkun jidhrilha l-Awtorità Kompetenti jkunu jifformaw is-suġġett ta' talba sħiħa għal liċenza qabel is-27 ta' Novembru 2002, sakemm l-impjant jitħaddem mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003, jkun fihom kondizzjonijiet li jirrelataw għal konformità mal-valuri ta' limitu ta' emissjoni stipulati fil-parti A ta' l-annessi III sa VII rigward id-diossidi tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu u t-trab:

Iżda wkoll li l-punt 2 ta' l-Anness VIII għandu japplika mis-27.11.2004.

(2) L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri adatti biex tiżgura li l-liċenzi kollha għall-kostruzzjoni jew, fin-nuqqas ta' tali proċedura, għall-operazzjoni ta' impjanti ġodda, barra minn dawk koperti mis-subregolament (1), ikun fihom kondizzjonijiet relatati għal konformità mal-valuri ta' limitu ta' emissjoni stipulati fil-parti B ta' l-annessi III sa VII rigward id-diossidu tal-kubrit, l-ossidu tan-nitroġenu u t-trab.

(3) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati ta' l-Inkwinament, u għar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Stima u Maniġġjar tal-Kwalità ta' l-Arja fl-Ambjent, l-Awtorità Kompetenti għandha, l-iktar tard sal-1 ta' Jannar 2008, tikseb riduzzjonijiet ta' emissjoni sinifikanti billi:

(a) tieħu miżuri adatti biex tiżgura li l-liċenzi kollha għall-operazzjoni ta' impjanti eżistenti jkun fihom kondizzjonijiet relatati għall-konformità mal-valuri ta' limitu ta' emissjoni stabbiliti għal impjanti ġodda li hemm referenza għalihom fis-subregolament (1); jew

(b) tiżgura li impjanti eżistenti jkunu suġġetti għal pjan ta' riduzzjoni ta' emissjoni nazzjonali li hemm riferenza għalih fis-subregolament (6) u fejn applikabbli, tapplika r-regolamenti 6, 9 u 10.

(4) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati ta' l-Inkwinament u għar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Stima u Maniġġjar tal-Kwalità ta' l-Arja fl-Ambjent, impjanti eżistenti jistgħu ikunu eżentati mill-konformità

mal-valuri ta' limitu ta' emissjoni li hemm riferenza għalihom fis-subregolament (3) u mill-inklużjoni tagħhom fil-pjan ta' riduzzjoni ta' emmissjoni nazzjonali taħt dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk l-operatur f'impjant eżistenti jaċċetta, f'dikjarazzjoni miktuba li ssir lill-Awtorità Kompetenti sat-30 ta' Ġunju 2004, li ma joperax l-impjant għal iktar minn 20000 siegħa operattiva li jibdew mill-1 ta' Jannar 2008 u li jispiċċaw mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, .

(b) jekk l-operatur ikun mitlub jissottometti kull sena lill-Awtorità Kompetenti *record* tal-ħin użat u mhux użat u li jkun permess għall-kumplament tal-ħajja operattiva ta' l-impjant.

(5) L-Awtorità Kompetenti tista' titlob konformità mal-valuri ta' limitu ta' emissjoni u termini ta' żmien ta' implimentazzjoni, li jkunu iktar stringenti minn dawk stipulati fis-subregolamenti (1) sa (4) u fir-regolament 12:

B'dan ukoll li l-Awtorità Kompetenti tista' tinkludi sustanzi oħra li jniġġsu, u tista' timponi xi ħtiġiet addizzjonali jew l-adattament ta' impjant għal progress tekniku.

(6) L-Awtorità Kompetenti tista', minghajr preġudizzju għal dawn ir-regolamenti u għar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat ta' Inkwinament, u waqt li tqis l-ispejjeż u l-benefiċċji kif ukoll l-obbligazzjonijiet tagħhom taħt ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar Stima u Maniġġjar tal-Kwalità ta' l-Arja fl-Ambjent, tiddefinixxi u timplimenta pjan ta' riduzzjoni ta' emissjoni nazzjonali għal impjanti eżistenti, waqt li tqis, fost l-oħrajn, konformità mal-livelli stipulati fl-Annessi I u II:

Iżda l-pjan nazzjonali għar-riduzzjoni ta' emissjonijiet għandu jnaqqas l-emissjonijiet annwali totali ta' l-ossidi tan-nitroġenu (No_x), diossidu tal-kubrit (SO_2) u trab minn impjanti eżistenti, għal-livelli li kienu kieku jkunu milħuqa bl-applikazzjoni ta' valuri ta' limitu ta' emissjoni li hemm riferenza għalihom fis-subregolament (3) għall-impjanti eżistenti li kienu jaħdmu fis-sena 2000, (inkluż pjan ta' riabilitazzjoni fl-2000, approvat mill-Awtorità Kompetenti, biex jilħaq ir-riduzzjonijiet ta' emissjoni mitluba mil-leġislazzjoni nazzjonali) fuq bażi tal-ħin operattiv annwali u attwali ta' kull impjant, il-karburanti użat u input termiku, b'medja fuq l-aħħar ħames snin ta' operazzjoni sa u inkluża s-sena 2000:

Iżda wkoll li l-għeluq ta' impjant inkluż fil-pjan nazzjonali ta' riduzzjoni ta' emissjoni ma jkunx jirriżulta f'żjieda fl-emissjonijiet annwali totali mill-impjanti li jifdal u li jkunu koperti mill-pjan:

Iżda wkoll il-pjan nazzjonali ta' riduzzjoni ta' emissjoni ma jista' taħt ebda ċirkostanza jeżenta lil xi impjant mid-disposizzjonijiet stipulati f'regolamenti rilevanti oħra, inklużi, fost oħrajn, ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar Stima u Maniġġjar tal-Kwalità ta' l-Arja fl-Ambjent.

Impjanti ġodda.

6. L-Awtorità Kompetenti għandha tiżgura li kull sistema possibbli ta' xorta ekonomika u teknika li tkun tipprovdi għall-ġenerazzjoni kombinata ta' sħana u forza tiġi eżaminata, fil-każ ta' impjanti ġodda li tingħatalhom il-liċenza skond ma hemm fir-regolament 5 (b) jew impjanti koperti mir-regolament 12:

Iżda meta din is-sistema tiġi kkonfermata, u skond ma tkun is-sitwazzjoni tas-suq u tad-distribuzzjoni, l-istallazzjonijiet għandhom ikunu żviluppati skond dan kollu.

Valuri ta' limitu ta' emissjoni għal Ossidi tan-Nitroġenu.

7. Fil-każ tal-kostruzzjoni ta' impjanti ta' kombustjoni li x'aktarx ikollhom effetti sinifikattivi fuq l-ambjent f'xi stat ieħor, l-Awtorità Kompetenti għandha tiżgura li tingħata l-informazzjoni u ssir il-konsultazzjoni kollha meħtieġa, skond il-PartiV, regolament 34 (1) tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent.

Kondizzjonijiet għal liċenzi.

8. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tistipula fil-kondizzjonijiet tal-liċenzi msemmija fir-regolament 6 li jipprovdu għal proċeduri dwar il-funzjonament ħażin jew il-waqfien ta' l-apparat ta' riduzzjoni:

Iżda f'kull każ l-Awtorità kompetenti għandha tiġi notifikata fi żmien 48 siegħa, u f'ebda ċirkostanza m'għandu t-tul kumulattiv ta' l-operazzjoni ta' riduzzjoni f'perijodu ta' tnax-il xahar jaqbeż il-120 siegħa.

(2) L-Awtorità Kompetenti tista' tippermetti eċċezzjonijiet fil-limiti ta' 24 siegħa u ta' 120 siegħa hawn aktar qabel imsemmija f'każijiet fejn, fl-opinjoni tagħhom:

(a) ikun hemm bżonn assolut li tinżamm il-provvista ta' l-enerġija, jew

(b) l-impjant wieqaf jista' jkun rimpjazzat għal perijodu limitat b'impjant ieħor, li jikkawża żieda totali fl-emissjonijiet.

Sospensjoni u deroga.

9. (1) L-Awtorità Kompetenti tista' tippermetti s-sospensjoni għal massimu ta' sitt xhur mill-obbligazzjoni li jkun hemm konformità mal-valuri ta' limitu ta' emissjoni li hemm ipprovdut dwarhom fl-artikolu 5 għad-diossidu tal-kubrit fir-rigward ta' xi impjant li għal dan

il-għan ikun normalment juża karburanti baxx fil-kubrit, f'każijiet fejn l-operatur ma jkunx jista' jikkonforma ruħu ma' dawn il-valuri ta' limitu minħabba f'interruzzjoni fil-provvista ta' karburanti baxx fil-kubrit li tkun tirriżulta minn xi skarsezza serja.

(2) L-Awtorità Kompetenti tista' tippermetti deroga mill-obbligazzjoni ta' konformità mal-valuri ta' limitu ta' emissjoni li hemm provdut dwarhom fir-regolament 5 f'każijiet fejn impjant li normalment juża biss karburanti gassuż, u li kieku xort'oħra jkollu bżonn li jkun attrezzat b'faċilita għall-purifikazzjoni tal-gass, jkollu jdur eċċezzjonalment, u għal perijodu li ma jkunx jaqbeż l-għaxart ijiem, biex juża karburanti oħra minħabba f'interruzzjoni li taħbat f'daqqa fil-provvista tal-gass.

(3) L-Awtorità Kompetenti għandha tkun infurmata minnufih b'kull każ speċifiku hekk kif dan jiġri, mill-operatur.

Valuri ta' limitu ta' emissjoni.

10. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha għall-iskop li tagħti l-liċenza msemmija fir-regolament 5 (1) u (2), u fil-każ ta' dawk l-impjanti koperti bir-regolament 5 (3) jew bir-regolament 12 għal tagħmir ġdid li jitħeġġeġ b'karburanti diversi li jinvolvi l-użu simultanju ta' żewġ karburanti jew iżjed, tistabbilixxi l-valuri ta' limitu ta' emissjoni kif ġej:

(a) l-ewwel, billi jittieħed il-valur ta' limitu ta' emissjoni rilevanti għal kull karburanti u sustanza li tniġġes individwali korrispondenti għal *input* termiku mkejjel ta' l-impjant ta' kombustjoni kif mogħti fl-Annessi III sa VII,

(b) it-tieni, billi tiddetermina l-valuri ta' limitu ta' emissjoni peżati bil-karburanti, u li jinkisbu billi jiġi moltiplikat il-valur ta' limitu ta' emissjoni individwali ta' hawn qabel b'*input* termiku li joħroġ minn kull karburanti, hekk li l-prodott ta' dik il-moltiplikazzjoni jiġi diviż bis-somma ta' kull *input* termiku li joħorġu mill-karburanti kollha,

(ċ) it-tielet, bl-aggregazzjoni tal-valuri ta' limitu ta' emissjoni peżati bil-karburanti:

Iżda tagħmir li jitħeġġeġ b'karburanti diversi, li jużaw residwi ta' distillazzjoni u konverżjoni mir-raffinar ta' żejt mhux maħdum għall-konsum tagħhom infushom, waħedhom jew flimkien ma' karburanti oħra, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet għall-karburanti bl-ogħla valur ta' limitu ta' emissjoni (karburanti determinattiv), minkejja s-subregolament (1) ta' hawn qabel, jekk waqt it-tħaddim ta' l-impjant ta' kombustjoni l-proporzjon kontribwit minn dak il-karburanti għas-

somma ta' kull *input* termiku li joħroġ mill-karburanti kollha mill-inqas tkun ta' 50 %:

Iżda wkoll, fejn il-proporzjon tal-karburanti determinattiv huwa inqas minn 50 %, il-valur ta' limitu ta' emissjoni jkun iddeterminat fuq bażi *pro rata* ta' input tas-sħana provvista mill-karburanti individwali f'relazzjoni mas-somma ta' kull *input* termiku li joħroġ mill-karburanti kollha kif ġej:

(a) l-ewwel, billi jittieħed il-valur ta' limitu ta' emissjoni rilevanti għal kull karburant u sustanza li tniġġes individwali kif hemm fl-Annessi III sa VII,

(b) it-tieni, billi tikkalkula l-valur ta' limitu ta' emissjoni tal-karburanti determinattiv (karburanti bl-ogħla valur ta' limitu ta' emissjoni skond l-Annessi III sa VII u, fil-każ ta' żewġ karburanti li jkollhom l-istess valur ta' limitu ta' emissjoni, il-karburanti bl-ogħla *input* termiku); dan il-valur jinkiseb bil-moltiplikazzjoni tal-valur ta' limitu ta' emissjoni stipulat fl-Annessi III sa VII għal dak il-karburanti bil-fattur ta' 2, u bit-tnaqqis minn dan il-prodott tal-valur ta' limitu ta' emissjoni tal-karburanti bl-inqas valur ta' limitu ta' emissjoni,

(ċ) it-tielet, billi jiġu determinati l-valuri ta' limitu ta' emissjoni peżati bil-karburanti u li jinkisbu bil-moltiplikazzjoni tal-valur ta' limitu ta' emissjoni tal-karburanti li jkollu *input* termiku tal-karburanti determinattiv, bil-valuri l-oħra ta' limitu ta' emissjoni li jkollhom *input* termiku li joħorġu minn kull karburanti, hekk li l-prodott tal-moltiplikazzjoni jiġi mbagħad diviż bis-somma ta' kull *input* termiku li joħroġ mill-karburanti kollha,

(d) ir-raba', bl-aggregazzjoni tal-valuri ta' limitu ta' emissjoni peżati bil-karburanti.

(2) Bħala alternattiva għar-regolament 2, il-valuri ta' limitu medji ta' emissjoni li ġejjin għad-diossidu tal-kubrit jistgħu jkunu applikati (irrispettivament mill-kombinazzjoni tal-karburanti użata):

(a) għal impjanti msemmija fir-regolament 5(1) u (3): 1000 mg/Nm3, bħala medja stabbilita għal dawk l-impjanti kollha fir-raffinerija;

(b) għal impjanti ġodda msemmija fir-regolament 5(2): 600 mg/Nm3, bħala medja stabbilita għal dawk l-impjanti kollha fir-raffinerija, bl-eċċezzjoni tat-turbini tal-gass:

Iżda l-Awtorità Kompetenti għandha tiżgura li l-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni ma twassalx għal żjieda fl-emissjonijiet minn impjanti eżistenti.

(3) Għall-finijiet ta' l-għoti ta' liċenza msemmija fir-regolament 5 (1) u (2) għal tagħmir li jitħeġġeġ b'karburanti diversi li jinvolvi użu alternattiv ta' żewġ karburanti jew iktar, u fil-każ ta' impjanti bħal dawk li huma koperti bir-regolament 5 (3) jew bir-regolament 12, għandhom jiġu applikati l-valuri ta' limitu ta' emissjoni stipulati fl-Annessi III sa VII kif dawn jikkorrispondu għal kull karburanti użat.

(4) Minkejja l-Anness III, impjanti *b'input* termiku gradat ugwali jew ikbar minn 400 MW, li ma jkunux jaħdmu għal iktar minn ċertu għadd ta' sigħat kif ġej fis-sena (*rolling average* fuq perjodu ta' 5 snin):

- sal-31 ta' Diċembru 2015, 2000 siegħa;
- mill-1 ta' Jannar 2016; 1,500 siegħa,

għandhom ikunu suġġetti għal valur ta' limitu ta' emissjoni ta' diossidu tal-kubrit ta' 800 mg/Nm3:

Iżda dan ir-regolament għandu japplika għal impjanti ġodda li tingħata liċenza għalihom b'mod konformi mar-regolament 5 (2).

Ħruġ ta' gassijiet ħżiena.

11. Ebda operatur ma jista' jitfa' gassijiet ħżiena minn impjanti ta' kombustjoni, jekk ma jagħmilx hekk b'mod ikkontrollat u aċċettabbli għall-Awtorità Kompetenti, permezz ta' ċumnija:

Iżda l-liċenza msemmija fir-regolament 5 u l-liċenzi għal impjanti ta' kombustjoni koperti bir-regolament 12 għandhom jistipulaw il-kondizzjonijiet tal-ħruġ:

Iżda wkoll, l-Awtorità għandha tiżgura partikolarment li l-għoli taċ-ċumnija jkun ikkalkolat b'tali mod li jiġu mħarsa kemm is-saħħa u l-ambjent.

Impjanti ta' kombustjoni.

12. (1) Fejn impjant ta' kombustjoni jkun estiż b'mill-anqas 50 MW, il-valur ta' limitu ta' emissjoni li għandu jkun applikat għall-parti l-ġdida ta' l-impjant għandu jkun iffissat mill-Awtorità Kompetenti f'relazzjoni mal-kapaċità termika ta' l-impjant kollu. Din id-disposizzjoni ma tkunx tapplika fil-każijiet imsemmija fir-regolament 10 (2) u (3).

(2) Fejn l-operatur ta' impjant ta' kombustjoni jkun qed jipprevedi xi bidla skond ir-regolament 2 paragrafu (13), u r-regolament

24 tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat ta' Inkwinament, għandhom japplikaw il-valuri ta' limitu ta' emissjoni kif stipulati fil-Parti B ta' l-Annessi III sa VII rigward id-diossidu tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu u t-trab.

Sorveljar.

13. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura s-sorveljar, skond l-Anness III(A), ta' emissjoni minn impjanti ta' kombustjoni koperti b'dawn ir-regolamenti u tal-valuri l-oħra kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, u ħekk li l-Awtorità Kompetenti tista' teħtieġ li dak is-sorveljar ikun jista' jsir għas-spejjeż ta' l-operatur.

(2) L-operatur għandu jinforma lill-Awtorità Kompetenti f'dawk it-termini ta' żmien li jistgħu jkunu stabbiliti mill-Awtorità Kompetenti dwar ir-riżultati tal-kejl kontinwu, il-verifika ta' l-apparat tal-kejl, u l-kejl individwali u dwar kull kejl ieħor li jsir biex tiġi stmata l-konformita ma' dawn ir-regolamenti.

Kejl kontinwu.

14. (1) Fil-każ ta' kejl kontinwu, il-valuri ta' limitu ta' emissjoni stipulat fl-Annessi III sa VII għandhom jitqiesu li jkunu ġew imħarsa mill-operatur jekk l-evalwazzjoni tar-riżultati tkun tindika, għal sigħat operattivi matul xi sena kalendarja, li:

(a) ebda wieħed mill-valuri medji ta' kull xahar kalendarju ma jkun jaqbeż il-valuri ta' limitu ta' emissjoni; u

(b) fil-każ ta':

- diossidu tal-kubrit u trab: 97% tal-valuri medji kollha għal 48 siegħa ma jkunux jaqbżu l-110 % tal-valuri ta' limitu ta' emissjoni,

- ossidi tan-nitroġenu: 95 % tal-valuri medji kollha għal 48 siegħa kollha ma jkunux jaqbżu l-110 % tal-valuri ta' limitu ta' emissjoni.

Il-perijodi msemmija fir-regolament 8 kif ukoll il-perjodi tal-bidu u tat-tmiem m'għandhomx jitqiesu.

(2) Fil-każijiet fejn ikunu meħtieġa biss kejl diskontinwu jew proċeduri oħra adatti sabiex issir id-determinazzjoni, il-valuri ta' limitu ta' emissjoni stipulati fl-Anness III sa VII jitqiesu bħala li kienu tħarsu mill-operatur jekk ir-riżultati ta' kull waħda mis-serje ta' kejl jew ta' proċeduri oħra definiti u determinati skond ir-regoli stabbiliti mill-Awtorità Kompetenti ma jaqbżux il-valuri ta' limitu ta' emissjoni.

(3) Għal impjanti ġodda li tkun ingħatatilhom liċenza konformi mar-regolament 5 (b), il-valuri ta' limitu ta' emissjoni jitqiesu, għas-sieghat operattivi f'xi sena kalendarja, bħala li kienu mħarsa kemm-il darba:

(a) ebda valur medju ta' kuljum validat ma jaqbeż il-figuri rilevanti stipulati fil-Parti B ta' l-Annessi III sa VII, u tal-figuri rilevanti, u

(b) 95 % tal-valuri medji fis-siegħa validati kollha tul is-sena ma jkunux jaqbżu 200 % tal-figuri rilevanti tal-Parti B ta' l-Annessi III sa VII:

Iżda l-valuri medji validati jkunu determinati kif stipulat fil-Punt A.6 ta' l-Anness VIII, u l-perijodi tar-regolament 8 kif ukoll il-perjodi tal-bidu u ta' l-għeluq għandhom ikunu mwarrba.

Reati.

15. Persuna tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tonqos milli tħares xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tassoċja ruħha jew tittanta tassoċja ruħha ma' xi persuna, jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra b'liema mezz ikun, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' pariri jew il-ħlas ta' flus biex tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli tħares xi disposizzjoni tagħhom, inkluża kull ordni mogħtija leġittimament skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti.

Pieni.

16. Min jagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti jista', meta jinsab ħati, jeħel:

(a) meta jinsab ħati għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira iżda mhux iżjed minn elf lira;

(b) meta jinsab ħati għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux anqas minn elf lira iżda mhux iżjed minn elfejn lira, jew

għal prigunerija għal zmien mhux iżjed minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda wkoll il-qorti għandha todna lil kull min ikun insab ħati li għamel reat kontra dawn ir-regolamenti li jħallas dawk l-ispejjeż li l-Awtorità kompetenti tkun għamlet u li huma msemmija f'dawn ir-regolamenti bħala riżultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-Awtorità kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti*, imkluża l-vettura, jekk dan ikun japplika.

Kif japplika Kap. 9.

17. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 u s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb liċenza, permess jew awtorità m'għandha f'ebda każ tkun għal inqas minn sena.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond ma jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

Lingwa ta' l-Iskeda.

18. L-Annessi I sa X għal dawn ir-regolamenti qegħdin jiġu ppubblikati bil-lingwa Ingliża mat-test bl-Ingliż ta' dawn ir-regolamenti.

Ħassar A.L. 164 ta' 1-2002.

19. Ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Limitazzjoni ta' Ħruġ fl-Arja ta' xi Sustanzi li Jniġġsu minn Impjanti Kbar tal-Kombustjoni, ppubblikati bl-Avviż Legali 164 ta' l-2002, huma b'dawn imħassra.

ANNEX I

Programme for Emmission Reductions


Year	SO_2 emissions (ktonnes/year)	NO_x emissions (ktonnes/year)	SO_2 % reduction over 1980 emissions	NO_x % reduction over 1980 emissions
1980	11.60	1.69	0	0
1987	14.84	5.78	+28	+243
1988	15.10	6.74	+30	+300
1989	15.62	7.06	+35	+319
1990	16.38	7.43	+41	+340
1991	19.09	8.04	+65	+377
1992	16.64	6.76	+43	+301
1993	13.27	6.73	+14	+299
1994	15.01	6.23	+29	+269
1995	17.93	3.64	+55	+116
1996	17.31	2.52	+49	+49
1997	18.34	2.67	+58	+58
1998	17.46	2.54	+51	+51
1999	18.98	2.76	+64	+64
2000	16.90	2.46	+46	+46
2001	17.25	2.84	+49	+68
2002	16.11	2.88	+39	+71
2003	13.53	2.88	+17	+71

ANNEX II

EMISSION LIMIT VALUES FOR SO_2

Solid fuel

A SO_2 emission limit values expressed in mg/Nm³ (O_2 content 6%) to be applied by new existing plants pursuant to Regulations 5(1) and 5(3) respectively.



NB. Where the emission limit values above cannot be met due to the characteristics of the fuel, a rate of desulphurisation of at least 60 % shall be achieved in the case of plants with a rated thermal input of less than or equal to 100 MWth, 75 % for plants greater than 100 MWth and less than or equal to 300 MWth and 90 % for plants greater than 300 MWth. For plants greater than 500 MWth, a desulphurisation rate of at least 94 % shall apply or of at least 92 % where a contract for the fitting of flue gas desulphurisation or lime injection equipment has been entered into, and work on its installation has commenced, before 1 January 2001.

B. SO_2 emission limit values expressed in mg/Nm³ (O_2 content 6%) to be applied by new existing plants pursuant to Regulation 5(2) with the exception of gas turbines.

Type of fuel	50 to 100 MWth	100 to 300 MWth	> 300 MWth
Biomass	200	200	200
General case	850	200	200


NB. Where the emission limit values above cannot be met due to the characteristics of the fuel, installations shall achieve 300 mg/Nm³ SO_2, or a rate of desulphurisation of at least 92 % shall be achieved in the case of plants with a rated thermal input of less than or equal to 300 MWth and in the case of plants with a rated thermal input greater than 300 MWth a rate of desulphurisation of at least 95 % together with a maximum permissible emission limit value of 400 mg/Nm³ shall apply.

ANNEX III

EMISSION LIMIT VALUES FOR SO_2

Liquid fuels

A. SO_2 emission limit values expressed in mg/Nm³ (O_2 content 6%) to be applied by new existing plants pursuant to Regulations 5(1) and 5(3) respectively.



B. SO_2 emission limit values expressed in mg/Nm³ (O_2 content 6%) to be applied by new existing plants pursuant to Regulation 5(2) with the exception of gas turbines.

50 to 100 MWth	100 to 300 MWth	> 300 MWth
850	400 to 200 (linear decrease)	200

ANNEX IV

EMISSION LIMIT VALUES FOR SO_2

Gaseous fuels

A. SO_2 emission limit values expressed in mg/Nm³ (O_2 content 6%) to be applied by new existing plants pursuant to Regulations 5(1) and 5(3) respectively.

Type of fuel	Limit values (mg/Nm³)
Gaseous fuels in general	35
Liquefied gas	5
Low calorific gases from gasification of refinery residues, coke oven gas, blast-furnace gas	800
Gas from gasification of coal	(1)

(1) The Council will fix the emission limit values applicable to such gas at a later stage on the basis of proposals from the Commission to be made in the light of further technical experience.

B. SO_2 emission limit values expressed in mg/Nm³ (O_2 content 6%) to be applied by new plants pursuant to Regulation 5(2) with the exception of gas turbines

Gaseous fuels in general	35
Liquefied gas	5
Low calorific gases from coke oven	400
Low caloric gases from blast furnace	200

ANNEX V

EMISSION LIMIT VALUES FOR NO_X (MEASURED AS NO_2)

A. SO_2 emission limit values expressed in mg/Nm³ (O_2 content 6% for solid fuels, 3% for liquid and gaseous fuels) to be applied by new existing plants pursuant to Regulations 5(1) and 5(3) respectively.

Type of fuel	Limit values (mg/Nm³)
Solid (¹), (²).	
50 to 500 MWth:	600
>500 MWth:	500
From 1 January 2016	
50 to 500 MWth:	600
>500 MWth:	200
Liquid:	
50 to 500 MWth:	450
>500 MWth:	400
Gaseous:	
50 to 500 MWth:	300
>500 MWth:	200

(¹) Until 31 December 2015 plants of a rated thermal input greater than 500 MW, which from 2008 onwards do not operate more than 2000 hours a year (rolling average over a period of five years), shall:

— in the case of plant licensed in accordance with Regulations 5(3)(a), be subject to a limit value for nitrogen oxide emissions (meansured as NO_2) of 600 mg/Nm³;

— In the case of plant subject to a national plan under Regulation 5(6) have their contribution to the national plan assessed on the basis of a limit value of 600 mg/Nm³.

From 1 January 2016 such plants, which do not operate more than 1500 hours a year (rolling average over a period of five years), shall be subject to a limite value for nitrogen oxide emissions (measured as NO_2) of 450 mg/Nm³.

(²) Until 1 January 2018 in the case of plants that in the 12 month period ending on 1 January 2001 operated on, and continue to operate no, solid fuels whose volatile content is less than 10% 1200 mg/Nm³ shall apply

B. NO_2 emission limit values expressed in mg/Nm³ to be applied by new plants pursuant to Regulation 5(2) with the exception of gas turbines

Solid fuels (O_2 content 6 %)

Type of fuel	50 to 100 MWth	100 to 300 MWth	> 300 MWth
Biomass	400	300	200
General case	400	200	200

Liquid fuels (O_2 content 3 %)

50 to 100 MWth	100 to 300 MWth	> 300 MWth
400	200	200

Gaseous fuels (O_2 content 3 %)

	50 to 300 MWth	> 300 MWth
Natural gas (note 1)	150	100
Other gases	200	200

Gas Turbines

NO_x emission limit values expressed in mg/Nm³ (O_2 content 15 %) to be applied by a single gas turbine unit pursuant to Article 4(2) (the limit values apply only above 70 % load):

	> 50 MWth (thermal input at ISO conditions)
Natural gas (Note 1)	50 (Note 2)
Liquid fuels (Note 3)	120
Gaseous fuels (other than natural gas)	120

Gas turbines for emergency use that operate less than 500 hours per year are excluded from these limit values. The operator of such plants is required to submit each year to the competent authority a record of such used time.

Note 1: Natural gas is naturally occurring methane with not more than 20 % (by volume) of inerts and other constituents.

Note 2: 75 mg/Nm³ in the following cases, where the efficiency of the gas turbine is determined at ISO base load conditions:

— gas turbines, used in combined heat and power systems having an overall efficiency greater than 75 %;

— gas turbines used in combined cycle plants having an annual average overall electrical efficiency greater than 55 %;

— gas turbines for mechanical drives.

For single cycle gas turbines not falling into any of the above categories, but having an efficiency greater than 35 % - determined at ISO base load conditions - the emission limit value shall be $50*\eta/35$ where η is the gas turbine efficiency expressed as a percentage (and at ISO base load conditions).

Note 3: This emission limit value only applies to gas turbines firing light and middle distillates.

ANNEX VI

EMISSION LIMIT VALUES FOR DUST

A. Dust emission limit values express in mg/Nm³ O_2 content 6% for solid fuels. 3% for liquid and gaseous fuels) to be applied by new and exisiting plants pursuant to Regulations 5(1) and 5(3) respectively.

Type of fuel	Rated thermal input (MW)	Emission limit values (mg/Nm³)
Solid	≥ 500 < 500	50 (²) 100
Liquid (¹)	all plants	50
Gaseous	all plants	5 as a rule 10 for blast furnace gas 50 for gases produced by the steel industry which can be used elsewhere

(¹) A limit value of 100 mg/Nm³ may be applied to plants with a rated thermal input of less than 500 MWth burning liquid fuel with an ash content of more than 0.06%.

(²) A limit value of 100 mg/Nm³ may be applied to plants licensed pursuant to Regulation 5(3) with a rated thermal input greater than or equal to 500 MWth buringing soldi fuel with a heat content of less than 5800 k/kg (net calorific value), a mosture content greater than 45% weight, a comibned moisture and ash content greater than 60% by weight and a calcium oxide content greater than 10%.

B. Dust emission limit values express in mg/Nm³ to be applied by new plants, pursuant to Regulation 5(2) with the exception of gas turnines:

Solid fuels (O_2 content 6 %)

50 to 100 MWth	> 100 MWth
50	30

Liquid fuels (O_2 content 3 %)

50 to 100 MWth	> 100 MWth
50	30

Gaseous fuels (O_2 content 3 %)

As a rule	5
For blast furnace gas	10
For gases produced by the steel industry which can be used elsewhere	30

ANNEX VII

METHODS OF MEASUREMENT OF EMISSIONS

A. Procedures for measuring and evaluating emissions from combustion plants.

1. *Until 27 November 2004*

Concentrations of SO_2, dust NO_x shall be measured continuously in the case of new plants for which a licence is granted pursuant to Regulation 5(1) with a rated thermal input of more than 300 MW, However, monitoring of SO_2 and dust may be confined to discontinousus measuremnts or other appropraite determination procedures in cases where such meaurements or procedures, which must be verified and approved by the competent authorities, may be used to obtain concentration.

In the case of new plants for which a licence is granted pursuant to Regulation 5(1) not covered by the first subparagraph, the competent authroties may required continuous meausremnts of those three pollutants to be carried out where considered necessary. Where continuous measurements are not required, discontinuous measuremnts or appropriate determination procedures as approved by the competent authorities shall be used regularly to evalute the quantity of above-mentionted substances present in the emissions.

2. *From 27 November 2002 and without prejudice to Regulation 5(1)*

Competent authorities shall require continuous measurements of concentrations of SO_2, NO_x, and dust from waste gases from each combustion plant with a rated thermal input of 100 MW or more.

By way of derogation from the first subparagraph, continuous measurements may not be required in the following cases:

— for combustion plants with a life span of less than 10 000 operational hours;

— for SO_2 and dust from natural gas burning boilers or from gas turbines firing natural gas;

— for SO_2 from gas turbines or boilers firing oil with known sulphur content in cases where there is no desulphurisation equipment;

— for SO_2 from biomass firing boilers if the operator can prove that the SO_2 emissions can under no circumstances be higher than the prescribed emission limit values.

Where continuous measurements are not required, discontinuous measurements shall be required at least every six months. As an alternative, appropriate determination procedures, which must be verified and approved by the competent authorities, may be used to evaluate the quantity of the above mentioned pollutants present in the emissions. Such procedures shall use relevant CEN standards as soon as they are available. If CEN standards are not available ISO standards, national or international standards which will ensure the provision of data of an equivalent scientific quality shall apply.

3. In the case of plants which must comply with the desulphurisation rates fixed by Regulation 10(4) and Annex II, the requairements concerning SO_2 emission measurements established under paragraph 2 of this point shall apply. Moreover, the sulphur content of the fuel which is introduced into the combusiton plant facilities must be regularly monitored.

4. The competent authorities shall be informed of substantial changes in the type of fuel used or in the mode of operation of the plant. They shall decide whether the monitoring requirements laid down in paragraph 2 are still adequate or require adaptation.

5. The continuous measurements carried out in compliance with paragraph 2 shall include the relevant process operation parameters of oxygen content, temperature, pressure and water vapour content. The continuous measurement of the water vapour content of the exhaust gases shall not be necessary, provided that the sampled exhaust gas is dried before the emissions are analysed.

Representative measurements, i.e. sampling and analysis, of relevant pollutants and process parameters as well as reference measurement methods to calibrate automated measurement systems shall be carried out in accordance with CEN standards as soon as they are available. If CEN standards are not available ISO standards, national or international standards which will ensure the provision of data of an equivalent scientific quality shall apply.

Continuous measuring systems shall be subject to control by means of parallel measurements with the reference methods at least every year.

6. The values of the 95 % confidence intervals of a single measured result shall not exceed the following percentages of the emission limit values:

Sulphur dioxide	20 %
Nitrogen oxides	20 %
Dust	30 %

The validated hourly and daily average values shall be determined from the measured valid hourly average values after having subtracted the value of the confidence interval specified above.

Any day in which more than three hourly average values are invalid due to malfunction or maintenance of the continuous measurement system shall be invalidated. If more than ten days over a year are invalidated for such situations the competent authority shall require the operator to take adequate measures to improve the reliability of the continuous monitoring system.

B. Determination of total annual emissions of combustion plants

Until and including 2003 the competent authorities shall obtain determination of the total annual emissions of SO_2 and NO_x from new combustion plants. When continuous monitoring is used, the operator of the combustion plant shall add up separately for each pollutant the mass of pollutant emitted each day, on the basis of the volumetric flow rates of waste gases. Where continuous monitoring is not in use, estimates of the total annual emissions shall be determined by the operator on the basis of paragraph A.1 to the satisfaction of the competent authorities.

Member States shall communicate to the Commission the total annual SO_2 and NO_x emissions of new combustion plants at the same time as the communication required under paragraph C.3 concerning the total annual emissions of existing plants.

Member States shall establish, starting in 2004 and for each subsequent year, an inventory of SO_2, NO_x and dust emissions from all combustion plants with a rated thermal input of 50 MW or more. The competent authority shall obtain for each plant operated under the control of one operator at a given location the following data:

— the total annual emissions of SO_2, NO_x and dust (as total suspended particles),

— the total annual amount of energy input, related to the net calorific value, broken down in terms of the five categories of fuel: biomass, other solid fuels, liquid fuels, natural gas, other gases.

A summary of the results of this inventory that shows the emissions from refineries separately shall be communicated to the Commission every three years within twelve months from the end of the three-year period considered . The yearly plant-by-plant data shall be made available to the Commission upon request. The Commission shall make available to the Member States a summary of the comparison and evaluation of the national inventories within twelve months of receipt of the national inventories.

Commencing on 1 January 2008 Member States shall report annually to the Commission on those existing plants declared for eligibility under Article 4(4) along with the record of the used and unused time allowed for the plants' remaining operational life.

C. Determination of the total annual emissions of existing plants until and including 2003.

1. Member States shall establish, starting in 1990 and for each subsequent year until and including 2003, a complete emission inventory for existing plants covering SO_2 and NO_x:

   — on a plant by plant basis for plants above 300 MWth and for refineries;

   — on an overall basis for other combustion plants to which this Directive applies.

2. The methodology used for these inventories shall be consistent with that used to determine SO_2 and NO_x emissions from combustion plants in 1980.

3. The results of this inventory shall be communicated to the Commission in a conveniently aggregated form within nine months from the end of the year considered. The methodology used for establishing such emission inventories and the detailed base information shall be made available to the Commission at its request.